SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 25**

**IT-TLIETA 9 ta' ĠUNJU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 24 ġew approvati kif emmendati. Il-Viċi Sindku ppropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' culverts. Is-Sindku nfurmat li fil-laqgha li kellha mall-Ministru George Pulliċino ġiet nfurmata li d-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi lest biex iħaffer il-culverts pero' b' arranġamenti li x-xogħlijiet ta' reinstatement isiru mill-ADT. Is-Sindku nfurmat ukoll li qed tistenna appuntament mill-Perit David Vassallo dwar il-possibilta' li ADT ikomplu r-reinstatement. Is-Sindku nfurmat li jekk dan ta' l-aħħar ma jaċċettax allura dawn ix-xogħlijiet ikollhom isiru mill-Kunsill.
   Il-Kunsillier Fava rrimarka li l-Perit Vassallo ma għandux ikollu oġġezzjoni biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet peress li hu jaf li l-Kunsill ma għandux fondi biżżejjed għall-kostruzzjoni ta' dawn il-culverts.

2. Il-Kunsillieri Curmi staqsa jekk waslitx xi risposta mid-dipartiment dwar għajnuna li dan il-Kunsill kien iddiskuta fir-rispett tal-Football Team il ġdid tas-Swieqi. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta, pero' hi reġgħet għamlet kommunikazzjoni mad-Direttur is-Sur Natalino Attard. Dan informa li jaf bil-kaz pero' talab aktar zmien biex jirrispondi minħabba l-pressjoni ta' xogħol ta' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

3. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk sarux xi kuntatti ma l-organizzaturi tal-kunċerti li ser isiru f' Lulju fil-Luxol Ground. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu għamel kuntatti mas-Sur Nigel Camilleri wieħed mill-organizzaturi dwar laqgħa mal-Kunsill pero' dan għad ma wieġibx. Il-Kunsiller Fava u Rossignaud talbu li jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

4. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar ic-*Citiziens Visit* li għandha ssir f' Awissu mill-Kunsill ta' Taormina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma irċevejniex risposta minn Brussel dwar jekk l-applikazzjoni li għamel dan il-Kunsill ġietx aċċettata.
   Is-segretarju informa wkoll li l-Kunsill ta' Taormina, ma lahaqx issottometa l-applikazzjoni ma' Brussel għal *Citizien Visit* tac-cittadini mis-Swieqi, biex izuru Taormina.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI(jkompli..............)

5. Il-Kunsillier Fava talab biex isiru kommunikazzjoni ma' l-Onor Michael Frendi biex dan ikompli jaqta' s-siġar li qed jiżgumbraw il-bankina fi Triq Lourdes Lane.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li ġiet aċċettata l-applikazzjoni li dan il-Kunsill kien issottometta dwar Energy Saving Scheme. Hi nfurmat li dan il-Kunsill ġie allokat €6800 pero' l-proġett kollu ser iqum madwar €16800. Il-Bilanċ jitħallas mill-Kunsill.
   Il-Kunsill qabel li jsir dan il-proġett pero' dan għandu jsir fuq il-bejt tal-Kunsill ezistenti u mhux fuq il-bejt tal-*Clubhouse* fil-ġnien ta' Triq il-Hemel. Dan minħabba li l-pjanti tal-proġett tal-bini tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill il ġdid għad ma ġewx aċċettati mill-MEPA minħabba li l-kunsill ma' jistax jibni akbar bini minn dak ezistenti. F' dan il-kaz, il-Kunsill ikun wisq zgħir biex jakkomoda l-ħtiġijiet ta' kuljum. Jekk l-apparat jigi installat fuq il-bejt tal-"*clubhouse*", allura dan ser ikun espost ghal vandalizzmu.
   Il-Kunsillier Fava ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li għandha ssir dekjarazzjoni mis-sid li jekk dan jiddeċiedi li ma jkompliex bil-kirja, allura dan l-apparat għandu jinqala' u jiġi nstallat fuq il-post il-gdid tal-Kunsill kif ukoll li l-enerġija ġġenerata għandha tkun propjeta' kollha tall-Kunsill anki jekk il-Kunsill jiġi mġiegħel jitlaq mill-post.

   Is-Sindku nfurmat ukoll li ġiet aċċettata l-applikazzjoni ta' *Sports Initiative* "*Youth on the move*". Il-Kunsill ġie allokat €1225. Is-Sindku nfurmat li dwar din l-iskema ser tagħmel kuntatti mas-Sur David Zammit (special rescue group) sabiex dan jissorvilja l-attivitajiet. Il-Kunsillier Fava ssuġġerixxa li f' dawn l-attivitajiet għandhom jinġabru fondi biex jingħataw bhala donazzjoni lil xi istitut filantropiku.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Rapporti mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa il-possibilta' li l-wardens jibdew jagħmlu sorveljanza (ir-ronda) tal-cranes aktar tard fil-ġurnata. Dan peress li filgħodu kmieni jista' jkun jkun li dawn l-inġenji ikunu għandhom ma waslux fuq is-sit biex jarmaw għax-xogħlijiet. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jiddiskuti mal-wardens.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli..................)

**<u>Rapporti mill-Kunsillier Alfred Curmi (jkompli..................)</u>**

2. Il-Kunsillier staqsa biex jinxtraw forom għall-kitba ta' 'stops' li jsiru fit-toroq. Il-Kunsillier insista li b' dawn il-forom, ix-xogħlijiet isiru aktar aħjar u bil-galbu.

3. Il-Kunsillier nforma li kellu kuntatti mas-Sur Gino l-mechanic ta' wara l-ġnien fi Triq is-Swieqi peress li dan qed iħalli l-klieb tiegħu jiġġerrew barra filgħaxijiet. Dan wiegħed li ser jikkopera.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-Mepa dwar il-protesta li kien għamel l-Kunsill fir-rigward iċ-ċint tas-sejjieħ ħiereġ il barra fit-Triq, quddiem il-lukanda Halland fi Triq ta' l-Ibrag. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit tal-Kunsill rega' baghat it-tieni ittra (*reminder*).

**5.** Il-Kunsillier staqsa biex jigi installat litter bin iehor ħdejn il-ġnien tas-Swieqi, peress li wieħed li wehel mhux biżżejjed. Hu rrimarka ukoll li dawk li twaħħlu setgħu ġew allokati aħjar.

6. Il-Kunsillier irraporta li fiż-żona ta' fejn joqgħod, għad fadal xi residenti li qed joħorġu l-iskart tagħhom is-Sibt u l-Hadd filgħaxija, anki li qed jarmu l-iskart domestiku tagħhom ħdejn il-bring-in-sites fuq in-naħa ta' wara tal-ġnien fit-triq is-Swieqi. Hu rrimkomanda biex jerġgħu jintbagħtu ittri fid-djar b'informazzjoni dwar il-ħruġ u l-hinijiet ta' meta dawn ghandhom jiddisponu mill-iskart taghhom.

7. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilta' ta' aktar dawl fuq in-naħa ta' wara tal - ġnien. Is-Seretarju Eżekuttiv nforma li ser jissottometti l-applikazzjoni ma' Enemalta għal żewġ bozzoz li jeħlu fuq l-arbli tat-tip *Wiptype*.

8. Il-Kunsillier staqsa jekk l-onorarja li se jirċievu l-kunsillieri hiex se tkun suġġetta għat-taxxa. Is-Segretarju wieġeb fil-posittiv.

9. Il-Kunsillier staqsa meta ser jibdew it-tlett ħaddiema (Xogħol fil-Komunita') mal-Kunsill. Is-Segretarju informa li l-iskema għadha mhiex iffinalizżata.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi fuq il-Park & Ride. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslet l-ebda risposta mill-ADT. Il-Kunsillier talab biex tinkiteb ittra lill-ADT bħala reminder.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli..................)

**Rapporti mill-Kunsillier Gordon Shephard**

11. Il-Kunsillier staqsa jekk huwiex possibli li ssir skip oħra fin-naħa ta' Triq il-Ġiebja fi Triq il-Ġiżimin. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din diġa ordnata. Il-kuntrattur għandu jalloka fil- jiem li ġejjien.
12. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li fi Triq iż-Żejni qed jinġabar kwantita ta' ħmieġ domestiku kif ukoll "*construction waste*". Hu talab biex din iż-żona titnaddaf. Ġie deċiż li dwar dan it- tindif jsir kuntatt mall-Ministeru tar-Riżorsi Umani. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jżur iż-żona. Il-Kunsill talab ukoll biex malli isir t-tindif jitwaħħlu tabelli (tarmix żibel hawn).

**Rapporti mill-Kunsillier Rene' Rossignaud**

13. Il-Kunsillier irraporta dwar 3 ħofor fi Triq is-Sidra. Dawn saru meta issewwew xi ħsarat ta' l-ilma, ir-reinstatement ma sarx kif titlob is-Sena. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mal-WSC.
14. Dan il-Kunsillier ukoll irrimarka dwar nuqqas ta' dawl fuq in-naħa ta' wara fil-ġnien tas-Swieqi. Il-Kunsill talab biex issir l-applikazzjoni ma' l-Enemalta għal żewġ installazzjonijiet u anki tintalab stima minghand il-kuntrattur.

**Rapporti mill-Kunsillier Rene' Rossignaud (jkompli...........)**

15. Il-Kunsillier talab biex meta ssir l-laqgħa ta' kull xahar ma l-Ispettur u Supretendent tad-distrett. Hu jkun preżenti biex jirraporta xi irregularitajiet u abbuzzi li jsiru tard bil-lejl fil-ġnien ta' Triq is-Swieqi. Għaldaqstant hu talab sabiex issir pressjoni mall-Pulizija għall-aktar sorveljanza.

16. Il-Kunsillier talab biex isir kommunikat mall-Kunsill ta' San Ġwann sabiex jinqata' l-ħaxix li ħiereġ minn taħt il-bankina fit-tela' tal-Wied. Dan qed ikun ta' periklu għas-sewwieqa minħabba li tidjieq t-Triq.

17. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar l-espropjazzjoni ta' art tan-naħa ta' fuq fi Triq is-Swieqi. Is-Sindku wieġbet li din il-materja ser tkun fuq l-aġenda fil-laqgha mall-Perit David Vassallo mill-ADT.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli..................)

**Rapporti mill-Kunsillier Mario Fava**

18. Il-Kunsillier talab informazzjoni dwar reserved parking fi Triq il-Qasam. Hu rraporta li din tneħħiet mill-ADT minħabba li r-resident ma kellux karozza irreġistrata fir-residenza tiegħu.
Il-Kunsillier talab biex tinkiteb ittra lill-ADT sabiex dawn jikkonsidraw li jirrivedu id-deċiżjoni tagħhom.
Is-Sindku ukoll qablet li għandu jsir kull mezz biex l-imsemmija reserved terga ssir. Hi wkoll kienet ghamlet kuntatti ma' l-ADT pero'dawn baqgħu jinsistu minħabba ir-reġistrazzjoni tal-vettura taghhom.

19. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi kuntatti mis-Soċjeta' Filarmonika Banda Sliema dwar il-programm li dawn kellhom jorganiżżaw għal Jum is-Swieqi.
Is-Segretarju wieġeb li hu kien għamel kuntatt mas-Sur Portughese s-Segretarju tas-Soċjeta'. Dan informa li minħabba li fl-istess ġurnata ta' Jum is-Swieqi ser issir programm mill-banda Nazzjonali u li xi bandisti mis-socjeta ser jkollhom jattendu għaldaqstant s-Sur Portughese qed jagħmel mezz biex isib bandisti minn lokalitajiet oħra.

20. Il-Kunsillier staqsa dwar l-attivita' Skola Sajf. Is-Sindku rrapurtat li din is-Sena l-attivita' Skola Sajf ser terġa ssir. Din ser tibda mit-13 ta' Lulju u tispiċċa fil-11 ta' Settembru. Se terġa ssir fil-bini tal-Knisja. Il-Kappillan ma talabx spejjes ħlief għal dawk jekk issiru si ħsarat.

21. Il-Kunsill nforma li kellu diversi lmenti minn residenti li joqgħodu fi Pjazza Uqija. Dawn ilmentaw dwar ħasil ta' vannijiet propjeta ta' supermarket fil-viċinanza u anki parkeġġ ħażin. Hu talab li din il-kwestjoni għandha tiġi diskussa fil-laqgħa ta' kull xahar li ssir mas-Supretendent u l-Ispettur tad-Distrett.

22. Il-Kunsillier rrimakra wkoll dwar l-importanza li CCTV Camera li hija nstallata fi Triq l-Ibrag, taghmel monitoring ukoll li min jabbuża mill-One Way minn Triq l-Uqija.

23. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar xi rapport li ġie ppreżentat lill-MFA dwar t-team ġdid tal-Football f'isem is-Swieqi. Dan ir-rapport jista' jinkludi xi dikjarazzjonijiet bhal pereżempju li l-Kunsill ser jagħmel tajjeb għal xi spejjes involuti tal-club. Għal din ir-raġuni l-Kunsillier talab biex isiru kuntatti ma' l-MFA u tintalab kopja tar-rapport ippreżentat.

24. Il-Kunsillier irraporta li fil-laqgħa li saret għar-residenti tal-Madliena li għaliha kien preżenti l-Onor Chris Said, ma ingħatax konferma ta' meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' resurfacing fit-toroq tal-Madliena. Intqal biss li t-toroq huma fi stat ħażin u hemm bżonn jitranġaw mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet dwar it-Third Party Liability Insurance tal-Kunsill. Ġiet aċċettata l-kwotazzjoni ta' Citadel Insurance għall-ammont ta' €5346.07.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-offerta ta' skart goff ser jittermina fl-aħħar ta' Lulju 2009. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li dan il-kuntrattur dejjem hadem tajjeb ferm. Il-Kunsill ideċieda li dan il-kuntratt għandu jiġi estiz ghal sena ohra li tagħlaq fl-aħħar ta' Lulju 2010.

3. Tpoġġa għall-attenzjoni tal-Kunsill certifikat tal-mard ta' 4 t'ijiem tas-Sinjura MaryRose Decesare. Il-Kunsill jikkontrattja is-servizzi clerikali ta' din il-persuna. Minħabba li din hija eċċessjoni u kaz uniku l-Kunsill ideċieda li l-4 t'ijiem sick leave għandhom jitħallsu.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mingħand is-Sinjura Tania Randisi skrivana mall-Kunsill. Minħabba ħinijiet tat-tifla meta tispiċċa l-iskola din l-impjegata qed tistaqsi l-possibilta' li minn fulltime tigi part time sas-1.30p.m. b' hekk tkun tista tiġbor t-tifla li tispiċċa skola fis-2.00p.m.
   Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li qed isiru interviews sabiex tiġi ingaġġata skrivana full time mall-Kunsill. Ġie deċiż li l-ewwel isir l-ingaġġ ta' l-impjegata ġdida imbagħad tingħata risposta lis-Sinjura Randisi.

*Il-Kunsillier Rene Rossignaud talab biex jiġi skużat. Ħin 9.15p.m.*

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

1. Inqraw il-pagamenti kollha li dehru fix-*schedule of payments.* Dawn kollha ġew approvati. Il-Kunsillier Fava ippropona u s-Sindku ssekondat.

Billi ħadd mill-Kunsillieri ma kellu aktar x' jiddiskuti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9.30p.m.

**Sar qbil biex il-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2009 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**